MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2010

Numru 262/2009

**Il-Pulizija**

**Vs.**

**MARIO DIMECH**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mario Dimech ta' 61 sena, iben il-mejtin Michael u Armenia nee' Rizzo, imwieled il-Hamrun fil-15 t'Awwissu 1946, detentur ta' karta tal-identita Maltija bin-numru 709746M u residenti fil-fond Flat nru 2, Block nru 1, Skema nru 3, Telghet Rahal Gdid.

Billi huwa akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta' bejn 20 u l-21 t'Awwissu 2006, f'Rahal Gdid, ikkommetta serq mill-fond Paola Wolves Bocci Club sitwat f'Telghat Rahal Gdid, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorriex €2329.37, bil-hin u bil-mezz;
2. U aktar talli fl-istess jum, f'dawn il-Gzejjer, xjentament xtara u/jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun iddahhal f'dawn il-Gzejjer biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti huma gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jeccediex €2329.37 bil-hin u bil-mezz.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. JB3 u nnutat li l-imputat Mario Dimech m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda serq aggravat inghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Rat l-artikolu 334(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Mario Dimech, fuq ammissjoni, hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, tillibera lill-istess imputat Mario

Dimech taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Rigward ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat Mario Dimech, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-akkuza kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imsemmija l-ewwel akkuza.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Mario Dimech l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------